## PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 3 TA’ ĠUNJU, 2022**

**Rik. Ġur. 201/20 RGM**

**Futura Funds SICAV plc et.**

**Vs**

**Istituto per le Opere di Religione**

1. Dan huwa digriet għar-rikors ippreżentat fit-18 ta’ Marzu 2022 mill-**atturi Futura Funds SICAV plc et. (aktar ‘l isfel imsejħa “Futura”)** li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex tordna l-konnessjoni mal-kawża odjerna, tal-**kawża numru 1009/2021CFS fl-ismijiet Istituto per le Opere di Religione v Futura Funds SICAV plc** pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u għalhekk qed jitolbu wkoll li l-Qorti ssejjaħ quddiemha dik il-kawża sabiex iż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien.

2. Il-**konvenut Istituto per le Opere di Religione (aktar ‘l isfel imsejjaħ “IOR”)** ippreżenta risposta fit-3 ta’ Mejju 2022, li kien biss illum li ngabet għall-attenzjoni tal-Qorti, li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għal dan ir-rikors.

3. Bħala punt ta' tluq tajjeb jiġi puntwalizzat illi dan id-digriet huwa regolat fost l-oħrajn minn **Artikolu 229 (1) (h) tal-Kap. 12** u għalhekk huwa wieħed minn dawk id-digriet li jista' jingħata kameralment.

4. L-ordni tal-konnessjoni tal-kawżi mitluba minn Futura hija regolata permezz tal-**Artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jinstab taħt it-**Titolu VII** intitolat **Fuq l-Eċċezzjoni ta'** ***Lis Alibi Pendens*** **jew ta' Konnessjoni ta' Kawża ma' oħra** fit-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). L-artikolu in kwistjoni jipprovdi kif ġej:

> (1) Meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot d-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien.
>
> (2) Il-kawżi mismugħin flimkien fil-qorti tal-ewwel grad, jistgħu jiġu hekk ukoll mismugħin fil-qorti fi grad ta' appell, mingħajr ma jkun jinħtieġ ordni ieħor tal-qorti.
>
> (3) Iżda, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta'appell, għandha tingħata f'kull kawża sentenza separata, u kull sentenza għandu jkun fiha l-motivi tagħha, jew riferenza għall-motivi tas-sentenza ta' waħda mill-kawżi l-oħra li jkunu ġew mismugħin flimkien

5. **Artikolu 402 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:

> Meta l-konvenut f'kawża jkun ippropona f'kawża oħra, talba konnessa ma' dik tal-attur skont l-artikolu 396, il-qorti tista' tordna li ż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien.

6. Il-liġi għalhekk tipprovdi x'jikkostitwixxi konnessjoni bejn żewġ kawżi u dan b'referenza għall-Artikolu 396 u cioe' (i) meta ż-żewġ kawżi jkunu ġejjin mill-istess fatt; jew mill-istess kuntratt jew titolu; (ii) meta l-iskop tat-tieni kawża jkun li ssir tpaċija ta' dak mitlub fl-ewwel kawża jew li b'kull mod ieħor it-tieni kawża ġġib fix-xejn l-azzjoni fl-ewwel kawża.

7. Minn eżami ta' dan l-artikoli tal-liġi jistgħu jinstiltu s-segwenti linji ġenerali:

(i) hemm lok ta' ordni dwar konnessjoni ta' kawżi meta (a) bejn iż-żewġ kawżi hemm konnessjoni ta' suġġett fis-sens li ġejjin mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt; iżda mhux fuq l-istess suġġett fejn allura tapplika l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia;* (b) meta l-eżitu tat-tieni kawża jista' jinnewtralizza l-eżitu tal-ewwel kawża; u (c) meta d-deċiżżjoni f'kawża tista' tolqot id-deċiżżjoni fil-kawża l-oħra.

(ii) il-liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-ġudikant jordnax jew le l-konnessjoni tal-kawżi, anke fejn jirriżulta li hemm konnessjoni ta' suġġett bejn żewġ kawżi jew fejn jirriżulta li s-sentenza f'waħda jista' jkollha effett fuq l-eżitu tal-kawża l-oħra;

(iii) il-Qorti ma tistax tordna l-konnessjoni tal-kawżi jekk ma jirriżultax li bejn iż-żewġ kawżi hemm konnessjoni ta' suġġett jew jekk ma jirriżultax li d-deċiżżjoni f'waħda tista' tolqot id-deċiżżjoni fl-oħra.

(iv) fir-rigward tal-konnessjoni tal-kawżi, a differenza tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*, il-liġi hija siekta dwar quddiem min tali eċċezzjon tista' tiġi sollevata. **Artikolu 792 tal-Kap. 12,** li jirregola l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*, jipprovdi b'mod ċar quddiem liema qorti tali eċċezzjoni tista' tiġi sollevata u

x'għandu jseħħ meta fit-tieni kawża tinlaqa' dik l-eċċezzjoni; min-naħa l-oħra **Artikolu 793 tal-Kap 12,** li jirregola l-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawżi, huwa sieket dwar quddiem liema qorti tali eċċezzjoni tista' tiġi sollevata; filwaqt li huwa sieket ukoll dwar x'għandu jsehh meta gudikant f'kawża jsib illi bejn il-kawża pendenti quddiemu u kawża pendenti quddiem ġudikant ieħor hemm konnessjoni ta' suġġett jew inkella li d-deċiżżjoni f'kawża minnhom tista' tolqot id-deċiżżjoni fil-kawża l-oħra. F'tali ċirkostanzi Artikolu 793 ma jsemmi xejn dwar jekk għandiex rilevanza liema kawża ġiet intavolata l-ewwel. Il-prassi hi li f'tali ċirkostanzi hija l-qorti li quddiemha ssir it-talba tal-konnessjoni tal-kawżi u li tilqagħha li ssejjaħ quddiemha l-kawża l-oħra, irrispettivament liema kawża ġiet intavolata l-ewwel. Meta wieħed jagħmel eżerċizzju komparativ bejn Artikolu 792 u 793 isib illi filwaqt li Artikolu 792 jipprovdi dwar kawża pendenti quddiem "qorti kompetenti" u kawża jew kawżi oħra pendenti quddiem "qorti kompetenti oħra"; Artikolu 793 jitkellem biss dwar żewġ kawżi jew aktar pendenti quddiem "qorti waħda".

8. Fil-każ ta' konnessjoni tal-kawżi l-Leġislatur ma pprovdiex speċifikatament li ġudikant jista' jibgħat l-atti ta' kawża quddiemu sabiex tiġi deċiża minn ġudikant ieħor kif lanqas provda dwar li ġudikant jista' jsejjaħ quddiemu kawża konnessa li qed tinstema minn ġudikant ieħor[1]. Il-prassi fl-applikazzjoin tal-artikoli 402 u 793 tal-Kap. 12 hi li fejn jirriżulta li bejn żewġ kawżi jew aktar hemm konnessjoni ta' suġġett jew fejn sentenza f'kawża pendenti tista' tolqot sentenza f'kawża pendenti quddiem ġudikant ieħor, il-ġudikant li jagħti d-digriet ta' konnessjoni ta' kawżi jista' jsejjaħ quddiemu il-kawża l-oħra.[2]

---

[1] Il-Liġi Sussidjarja 12.09 –**Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni** - ma tipprovdi xejn dwar il-prattika ta' trasferiment ta' kawżi minn ġudikant għal ieħor konsegwenti għal digriet ta' konnessjoni ta' kawżi.

[2] Kien fis-sena **1886** l-aħħar li artikolu 793 tal-Kap. 12 ġie emendat. Forsi wasal iż-żmien li l-proċedura tal-konnessjoni tal-kawżi tiġi evalwata mill-ġdid u fejn meħtieġ regolata b'mod aktar strutturat.

9. Għandu jingħad ukoll illi fejn jirriżulta li l-eżitu ta' kawża jista' jolqot l-eżitu ta' kawża pendenti oħra, hemm il-miżura eċċezzjonali tas-soprassessjoni tas-smiegħ ta' kawża pendenti l-eżitu tal-kawża l-oħra.[3] Il-liġi hija siekta wkoll dwar meta hemm lok għas-soprassessjoni.

10. Opportun jiġi puntwalizzat illi sew it-talba ta' Futura għall-konnessjoni ta' kawżi kif ukoll it-talba ta' IOR għar-revoka tal-Ordni Ewropew huma t-tnejn marbuta ma' liġijiet ta' proċedura li huma meqjusa ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu applikati *ad unguem* u mhux *per equipollens* (**Geswalda Caruana vs Francis Xerri** - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 28/04/2017).

11. Il-mertu tal-kawża odjerna 201/2020RGM jitratta talba ta' Futura Funds SICAV et. kontra IOR sabiex il-Qorti (i) Tiddikjara li l-aġir ta' IOR kif deskritt fil-premessi, inkluż iżda mhux biss l-imblukkar permezz ta' mandat ta' inibizzjoni nru 16288/2019 maħruġ fid-19 ta' Diċembru 2019 fuq talba ta' IOR tal-bejgħ tal-isħma ta' Cougar lil Indotek ikkawża u qed ikompli jikkawża danni sinifikanti lil Futura; (ii) Tiddikjara li IOR huwa responsabbli għal dawn id-danni; (iii) Tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lil IOR iħallas lil Futura dawn id-danni hekk likwidati.

12. Apparti l-intavolar tal-kawża odjerna, Futura kienet talbet u ottjeniet kontra IOR il-ħruġ ta' **Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet numru 1604/2020** sabiex

[3] Is-soprassesjoni pendenti l-eżitu ta' kawża oħra hija kontemplata indirettament f'**Artikolu 199 (4) tal-Kap. 12**. Inżamm ukoll illi "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza" **Joseph Degaetano noe v. Avukat Louis Galea et noe**, - Appell Civili - deciza 5 ta' Ottubru 1981 iccitata b'approvazzjoni f'sentenza fl-ismijiet **Bartolo & Kyle Limited vs Rodnei Catania** moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' April 2018.

tikkawtela l-pretensjoni tagħha fis-somma ta' disgħa u għoxrin miljun u ħames mitt elf Euro (€29,500,000).

13. Permezz tal-**kawża 1009/21CFS**, IOR qed titlob, għar-raġunijiet hemm premessi, li l-Qorti (i) Tirrevoka *contrario imperio* l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet li kien ġie prezentat fis-16 ta' Novembru 2020 numru 1604/2020 u dan a tenur tal-**artikolu 33 (1) (a) (b) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014** li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet fl-istati membri tal-Unjoni Ewropea; (ii) Subordinatament u fin-nuqqas li takkolji l-ewwel talba, tordna lis-soċjeta IOR sabiex fi żmien qasir u perentorju tipprovdi garanzija għall-ammont biżżejjed biex tevita l-abbuz tal-proċedura prevista mir-Regolament u biex tassigura kumpens għal kwalunkwe dannu mġarrab b'riżultat tal-Ordni a tenur tal-artikolu 12 u 33 (2) tar-Regolament, b'dan li fin-nuqqas ta' ottemperenza fit-terminu mogħti, tirrevoka l-Ordni; (iii) Tordna lil Futura sabiex fi żmien prefiss tieħu dawk il-passi sabiex tiżgura r-rilaxx ta' kull ammont sekwestrat li jeċċedi l-ammont indikat fl-Ordni.

14. Ezaminati l-premessi u t-talbiet rispettivi sew tal-kawża odjerna kif ukoll dawk tal-kawża 1009/2021CFS huwa mill-ewwel evidenti għal din il-Qorti illi ma jirriżultawx l-estremi għall-ordni tal-konnessjoni tal-kawżi. Filwaqt li l-mertu tal-kawża odjerna jirrigwarda l-pretensjoni ta' Futura illi bl-aġir tagħha IOR ikkaġunat danni lil Futura; permezz tal-kawża 1009/2021CFS IOR qed titlob fl-ewwel lok ir-revoka tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet numru 1604/2020 u sussidjarjament qed titlob ordni kontra Futura sabiex tipprovdi garanzija għad-danni b'riżultat tal-ħruġ tal-Ordni Ewropea imsemmija. Il-mertu taż-żewġ kawżi la huwa naxxenti mill-istess fatt u lanqas mill-istess kuntratt fit-termini tal-liġi. Eventwali akkoljiment tat-talba

għar-revoka tal-Ordni Ewropew bl-ebda mod ma jista' jitqies li jista' jolqot id-deċizzjoni dwar il-mertu tal-kawża odjerna.

15. Jiġi wkoll osservat illi strettament lanqas l-istess Futura fir-rikors hawn deċiż ma qed tallega li hemm tali konnessjoni. It-talba tagħha hija msejsa fuq il-pretest illi tenut kont li kawża numru 1009/2021CFS hija intiża sabiex tirrevoka l-Ordni Ewropew li huwa att ġudizzjarju kawtelatorju, għandu jsegwi li tali talba għanda titressaq quddiem il-Qorti li qed tisma' l-kawża fil-mertu b'applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

16. **Artikolu 836 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:

> (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> (a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;
>
> (b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;
>
> (ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew
>
> (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
>
> (e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.”

17. Il-premessi u t-talbiet ta’ IOR fil-kawża numru 1009/2021CFS ma jikwalifikawx bħala azzjoni kontemplata fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12. L-azzjoni prinċipali hemm promossa għar-revoka tal-Ordni Ewropew hija msejsa fuq il-pretest li l-Ordni Ewropew ma kellux jinħareġ mill-bidunett għaliex ma kienux jirriżultaw l-estremi kontemplati fir-Regolament (UE) Nru 655/2014 u mhux għal xi waħda mir-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12. illi jqisu li l-att kawtelatorju nħareġ validament u li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li għandhom iwasslu għat-tneħħija in toto jew in parte ta’ dak l-att.

18. Kull azzjoni ġudizzjarja hija arġinata mill-premessi u mit-talbiet li min jippromoviha huwa fil-liberta’ li jiddeduċi. Artikolu 836 tal-Kap. 12 ma jeskludiex azzjonijiet oħra li dak milqut b’att kawtelatorju jista’ jieħu sabiex jadixxi lill-Qorti għar-revoka ta’ mandat kawtelatorju; sew jekk tali mandat huwa maħruġ bis-saħħa tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; sew jekk maħruġ taħt ir-Regolament Ewropew nru 655/2014. Għalhekk, filwaqt li l-Qorti ma hiex teskludi li fir-rigward ta’ Ordni Ewropew jistgħu jiġu istitwiti azzjonijiet għar-revoka tiegħu bis-saħħa tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12, l-azzjoni prinċipali promossa bir-Rikors Ġuramentat numru 1009/2021CFS ma tinkwadra ruħha taħt l-ebda wieħed mis-sub inċiżi tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12.

**Decide.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad it-talba mressqa minn Futura Funds Sicav plc et. permezz tar-rikors tagħhom tat-18 ta' Marzu 2022.**

**Spejjeż marbuta ma' dan ir-rikors riżervati għas-sentenza finali dwar il-mertu tal-kawża.**

**Digriet mogħti kameralment illum 3 ta' Ġunju 2022**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**